**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 70 / 16RGM

Kawza fil-lista: 7

**A B C**
**vs**
**B D El C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fi Tripoli, il-Libja fl-10 ta' Settembru 1977 u dan kif jidher fic-certifikat allegat bhala Dok. "A" u t-traduzzjoni legalizzata tieghu allegata bhala Dok. "B".

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat ulied illi llum huma lkoll maggorenni.

3. Sussegwentement, il-koppja C gew ighixu Malta fl-1983 u ghaldaqstant, bdiet topera l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 1316(2) tal-Kap. 16.

4. Illi l-konvenut sar ukoll cittadin ta' Malta.

5. Illi llum il-koppja C jinsabu de facto separati imma s-separazzjoni taghhom ma tistax tigi formalizzata peress illi z-zwieg illi gie ccelebrat il-Libja ma jistax jigi registrat ir-Registru Pubbliku ta' Malta kif iddikjaraw l-istess partijiet fid-9 ta' Dicembru 2015 fil-kawza numru 109/2013 quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet B C A vs Rahuma C B (hawn allegat bhala Dok. 'C') u dana peress illi l-konvenut fl-2012 izzewweg lil Ajeliva Rhoma fit-2 ta' Settembru 2012 f'Garyan, il-Libja kif iddikjara hu stess fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili numru 1057/2015 LSO fl-ismijiet "B D C u martu B D vs Direttur tar-Registru Pubbliku), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' registazzjoni 564/2014 minkejja illi l-konvenut hu legalment mizzewweg mal-attrici.

6. Illi dan iz-zwieg hu ukoll iddikjarat fic-certifikat tar-twelid numru 4426 tas-sena 2013 ta' din l-imsemmija B D C u B Rahumahom Sharaf Al-Din C (Dok. "D").

7. Illi l-esponenti baqghet tghix fid-dar konjugali illi hija mikrija minghand il-Gvern u illi l-konvenut abbanduna minn jeddu f' Gunju 2012.

8. Illi l-konvenut fil-prezent m'hu qed jissomministra l-ebda manteniment lill-esponenti.

9. Illi l-hajja konjugali illi bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibli minhabba li l-konvenut, barra rrenda ruhu hati lejn l-attrici b'servigi, theddid u ingurja, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru, kkommetta adulterju u zzewweg mara ohra kif diga ntqal.

10. Illi ghalhekk l-esponenti tixtieq illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tispicca u illi ssir il-likwidazzjoni ta' l-istess komunjoni tal-akkwisti u jsir il-qsim gudizzjarju tal-beni ta' l-istess komunjoni.

11. Illi jezistu ragunijiet bizzejjed ghal dan ai termini tal-artikolu l332 (c) tal-Kap. 16.

12. Illi r-rikorrenti taf bil-fatti hawn fuq iddikjarati personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

2. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja lill-partijiet is-sehem spettanti lilhom mill-istess akkwisti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti jirrileva illi din l-azzjoni hija intempestiva u ma setghet qatt tigi proposta quddiem din l-Onorabbli Qorti u dan l-ghaliex kif ammess mir-rikorrenti innifisha, iz-zwieg tal-kontendenti ma gie qatt irregistrat gewwa l-Gzejjer Maltin. Issir referenza ghall-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-artikolu 12 li jispecifika:

12. (1) Ir-registrazzjoni ma hijiex essenzjali ghall-validita` ta' zwieg.
(2) Ir-registrazzjoni ma tistax topera sabiex taghmel validu zwieg li, indipendentement minn dik ir-registrazzjoni, ikun null.
(3) Zwieg ma jkollux effett ghal kull ghan tal-ligi jekk u sakemm l-att taz-zwieg xieraq ma jkunx kompletat u konsenjat ghar-registrazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Civili.

Illi ghaldaqstant isegwi illi l-azzjoni odjerna hija biss wahda ghad-divizjoni ta' propjeta' mizmuma b'mod kongunt bejn zewg individwi u konsegwentement, tali talba kellha issir quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

2. Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Ligi sussidjarja 12.20 tispecifika x'tip ta' kawzi jistghu jinstemghu minn din l-Onorabbli Qorti u cioe' l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Illi r-Regolament 4 jikkoncerna kawzi ta' separazzjoni personali jew divorzju, filwaqt li Regolament 9 jittratta nuqqas ta' qbil fuq wild, manteniment bejn konjugi u bidliet f'affarijiet regolati minn sentenzi, digrieti jew kuntratti. F'ebda Regolament jew Ligi ma tissemma, l-possibbilta' li beni mizmuma in komun bejn zewg persuni, tista' tigi intavolata quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jekk tali beni ma humiex frott ta' zwieg rikonoxxut u rregistrat gewwa l-Gzejjer Maltin;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u f'kaz li l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ma jsibux akkoljiment minn din l-Onorabbli Qorti u jigi deciz illi l-Qorti tal-Familja hija l-Qorti kompetenti, r-rikors guramentat odjern huwa wkoll intempestiv u ma setax jigi propost, l-ghaliex ir-rikorrenti naqqset milli tippAgwi bl-ittra ta' medjazzjoni opportuna, ai termini tal-avviz legali 397/2003 u ghalhekk qatt ma inghatat l-awtorizzazzjoni tipprocedi bir-rikors guramentat odjern;

4. Illi di piu', b'zieda mas-suespost, u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent jirreferi ghall-kawza bin-numru 109/2013RGM, fl-ismijiet fuq premessi, liema kawza, permezz tal-verbal tat-23 ta' Frar 2016, thalliet minn din l-Onorabbli Qorti sine die wara li rrizulta li z-zwieg tal-kontendenti qatt ma gie rregistrat

gewwa Malta u minkejja li giet moghtija diversi okkazjonijiet sabiex tirregola ruhha, ir-rikorrenti naqqset milli taghmel dan ghal kwazi sena shiha. Jirrizulta ampjament, illi z-zewg talbiet mressqa permezz tar-rikors gurament odjern, huma identici ghal zewg talbiet imressqa fil-kawza fuq citata u stante li dak il-process sal-lum ghadu ma giex konkluz, ir-rikorrenti ma setghet qatt terga' tipproponi l-azzjoni odjerna. Jinghad illi r-rikorrenti kellha kull cans illi titlob illi l-kawza bin-numru 109/2013RGM terga' titpogga fuq il-lista mill-gdid, haga li hija m'ghamlitx. Jinghad ukoll illi meta kawza tithalla sine die u eventwalment taqa' dezerta, jkun ir-rikorrent illi jbati l-ispejjez tal-istess u ghaldaqstant, bir-rispett jigi sottomess ukoll, illi qabel ir-rikorrenti tissalda l-ispejjez kollha tal-ewwel kawza, ma setghet qatt tippAgwi bir-rikors guramentat odjern;

5. Illi ghalhekk din il-kawza ghandha tigi michuda a bazi tal-eccezzjonijiet fuq indikati;

6. Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar il-mertu, filwaqt illi l-esponent jaqbel ma' whud mill-premessi tar-rikors guramentat hekk kif intavolat mill-attrici, ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet fil-paragrafi l-ohra, u dana stante illi huma inveritieri u infondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirrizerva minn issa, id-dritt li jressaq xhieda in sostenn ta' dan;

Ghalhekk l-esponent minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha tieghu, fir-rigward tat-talbiet, l-esponent jissottometti:-

1. Illi huwa jopponi ghall-ewwel talba ghad-dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dan stante illi ma tezisti l-ebda komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u dan gjaladarba z-zwieg tal-partijiet qatt ma gie rregistrat, ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi, gewwa Malta;

2. Illi l-esponent ma ghandux oggezzjoni li l-beni komuni tal-kontendenti, ossia garaxx li nxtara meta l-partijiet kienu flimkien, jigi diviz ugwalment bejniethom u dan billi l-istess jinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom;

3. Finalment l-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat:

**Il-Kawza Odjerna tinstema Konnessa ma' Kawza nru 109/13RGM**

Permezz tal-kawza odjerna prezentata fl-4 ta' April 2016 l-attrici wara li tippremetti illi hija zzewget lill-konvenut fl-10 ta' Settembru 1977 qed titlob lill-Qorti sabiex ixxolji "l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet" u sussegwentement "tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja lill-partijiet is-sehem spettanti lilhom mill-istess akkwisti".

Irid jinghad illi bejn l-istess partijiet u quddiem din il-qorti kif presjeduta hemm kawza ohra konnessa li ggib in-numru 109/13RGM fl-ismijiet premessi prezentata fl-10 ta' Gunju 2013 fejn l-istess attrici qed titlob lill-qorti "Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti"; "Takkorda manteniment" u "Tordna l-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti". It-tielet talba attrici f'dik il-kawza hija prattikament identika ghat-tieni talba attrici fil-kawza odjerna. Dik il-kawza qed tinstema kontestwalment mal-kawza odjerna.

Mill-atti tal-kawza numru 109/13RGM jirrizulta illi filwaqt li inizjalment il-validita' o meno taz-zwieg tal-partijiet ma kenitx in diskussjoni, tant li l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu f'dik il-kawza jiddikjara illi jaqbel li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet bil-kuntrast ikun limitat fir-rigward tat-tortijiet, matul il-kors ta' dik il-kawza il-konvenut issolleva l-eccezzjoni illi ma kienx hemm bejn il-partijiet zwieg u dan sussegwenti ghat-testimonjanza ta' rapprezentant tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li xhedet illi fir-Registru Pubbliku ma kien hemm l-ebda zwieg ta' bejn il-partijiet registrat.

Minn hemm 'il quddiem il-konvenut beda jsostni illi zwieg bejn il-partijiet ma kienx hemm. Fl-udjenza f'dik il-kawza tal-21 ta' April 2015 l-Avukat tal-attrici talab differiment sabiex l-attrici "tirregola l-posizzjoni taghha" u l-kawza giet differita ghas-17 ta' Gunju 2015. Fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju mizmuma fl-4 ta' Mejju 2015 l-Avukat tal-attrici informa lill-Assistent Gudizzjarju "illi kellu jigi determinat jekk iz-zwieg taghhom tal-partijiet, kienx registrat jew le. Peress illi dan il-fatt huwa determinant ghal dan il-kaz." Fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2018 la dehret l-attrici u lanqas l-Avukat taghha nonostante li l-kawza kienet differita ghal dakinhar sabiex l-attrici tinforma kif kienet ser tirregola l-posizzjoni taghha. Fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2015 gie verbalizzat illi "hemm qbil bejn il-partijiet illi ma hemmx registrat fir-Registru

Pubbliku Malti l-allegat zwieg tal-partijiet, u ma hemmx possibilta' li jigi hekk registrat".

L-attrici intavolat il-kawza odjerna fl-4 ta' April 2016 u invokat l-artikolu 1332 (c) tal-Kap. 16. B'digriet tad-9 ta' Novembru 2016 il-Qorti ordnat il-konnessjoni taz-zewg kawzi numri 70/16RGM u numru 109/13RGM rispettivament.

Ikkonsidrat;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

**L-Ewwel Eccezzjoni**.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa:-

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti jirrileva illi din l-azzjoni hija intempestiva u ma setghet qatt tigi proposta quddiem din l-Onorabbli Qorti u dan l-ghaliex kif ammess mir-rikorrenti innifisha, iz-zwieg tal-kontendenti ma gie qatt irregistrat gewwa l-Gzejjer Maltin. Issir referenza ghall-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-artikolu 12 li jispecifika:*

*12. (1) Ir-registrazzjoni ma hijiex essenzjali ghall-validita` ta' zwieg.*
*(2) Ir-registrazzjoni ma tistax topera sabiex taghmel validu zwieg li, indipendentement minn dik ir-registrazzjoni, ikun null.*
*(3) Zwieg ma jkollux effett ghal kull ghan tal-ligi jekk u sakemm l-att taz-zwieg xieraq ma jkunx kompletat u konsejat ghar-registrazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Civili.*

*Illi ghaldaqstant isegwi illi l-azzjoni odjerna hija biss wahda ghad-divizjoni ta' propjeta' mizmuma b'mod kongunt bejn zewg individwi u konsegwentement, tali talba kellha issir quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;"*

Ikkonsidrat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut issottometta illi in kwantu z-zwieg bejn il-kontendenti ma giex registrat, ma jistax jinghad li nholqot il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u konsegwentement il-propjeta` mizmuma bejniethom hija mizmuma konguntivament abbazi tal-fatt li nxtrat minnhom flimkien u mhux bhala formanti parti minn regim matrimonjali. Ghalhekk tista` tigi likwidata u assenjata biss mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-konvenut dwar l-Artikolu 12 tal-Kap. 255. Dak l-artikolu qed jipprovdi dwar zwigijiet celebrati Malta ai termini tal-Kap. 255. Mhux jipprovdi ghal zwigijiet celebrati f'gurisdizzjonijiet ohra skond il-ligijiet ta' pajjizi esteri. Mhux minnu illi zwieg celebrat barra minn Malta skond il-ligijiet ta' pajjiz iehor m'ghandhomx effett sakemm ma jsehhx dak kontemplat fis-sub inciz 3 tal-artikolu 12 tal-Kap. 255. **Artikolu 18 tal-Kap 255** jipprovdi illi "Zwieg, sew jekk isir f'Malta sew jekk isir barra minn Malta, ikun validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi f'Malta jekk: (a) dwar il-formalitajiet tieghu, ikunu tharsu l-formalitajiet mehtiega ghall-validita' tieghu skond il-ligi tal-pajjiz fejn ikun sar iz-zwieg." Imkien ma jinghad illi zwieg celebrat barra minn Malta jehtieg li jigi registrat hawn Malta qabel ma jigi rikonoxxut bhala tali.

L-ewwel eccezzjoni ghalhekk qed tigi respinta.

**It-Tieni Eccezzjoni**.

*2. Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Ligi sussidjarja 12.20 tispecifika x'tip ta' kawzi jistghu jinstemghu minn din l-Onorabbli Qorti u cioe' l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Illi r-Regolament 4 jikkoncerna kawzi ta' separazzjoni personali jew divorzju, filwaqt li Regolament 9 jittratta nuqqas ta' qbil fuq wild, manteniment bejn konjugi u bidliet f'affarijiet regolati minn sentenzi, digrieti jew kuntratti. F'ebda Regolament jew Ligi ma tissemma, l-possibbilta' li beni mizmuma in komun bejn zewg persuni, tista' tigi intavolata quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jekk tali beni ma humiex frott ta' zwieg rikonoxxut u rregistrat gewwa l-Gzejjer Maltin."*

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut isostni illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) m'ghandiex il-kompetenza li tieghu konjizzjoni ta' talba ghal divizzjoni ta' proprjeta' mizmuma in komun jekk tali persuni ma humiex mizzewgwin.

Permezz tar-rikors guramentat l-attrici ppremettiet illi l-partijiet izzewgu fi Tripoli fis-sena 1977, li kellhom erba` wlied illum maggorenni, illi z-zwieg taghhom ma giex registrat gewwa Malta u li l-konvenut zewgha rega` zzewweg fis-sena 2012, liema zwieg gie debitament registrat gewwa Malta. B'referenza ghall-Artiklu 1322(c) tal-Kap 16, talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja s-sehem rispettiv lil kull wahda mill-partijiet.

Il-konvenut issottometta illi skond il-Ligi Sussidjarja 12.20, l-Artiklu 1332(c) tal-Kap 16 ma jaqax taht il-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) izda

taht il-kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili. Jghid inoltre illi s-setgha tal-Qorti li xxolji l-komunjoni tal-akkwisti tirrizulta mill-Artiklu 55 tal-Kap 16, izda biss waqt kawza ghal separazzjoni personali. Ghalhekk fejn ma hemmx talba ghall-firda personali, l-Qorti kompetenti hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Da parti taghha l-attrici tissottometti inter alia illi din il-Qorti ghandha kompetenza *rationae materiae* in kwantu t-talbiet attrici huma fis-sustanza rimedji ghal-ksur tad-drittijiet tal-attrici spettanti lilha taht l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, senjatament l-Artiklu 2 u 55.

Ikkonsidrat;

**Kompetenza tal-Qorti Determinata mit-Termini tar-Rikors Guramentat.**

In vena legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Victor Peralta et vs Maria armla minn Anthony Curmi et**, deciza 8 ta' Gunju 2005, fejn il-Qorti sahqet:

*"Huwa pacifikament konkordat illi "l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox, u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini ta' l-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha"[1] - "**Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997."*

Inoltre, huwa pacifikament accettat li l-ligijiet dwar il-kompetenza tal-Qrati huma ta' ordni pubbliku, u ghaldaqstant ma tistax issir deroga minnhom, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet [vide in materja App. S. **Avukat Generali vs Kap tas-Servizz tas-Sigurta` et** deciza 7 ta' Mejju 2010 u App. Inf. **John u Vincenza mizzewwgin Spiteri vs Stephanie Spiteri pro et noe** deciza 20 ta' Ottubru 2003].

Ikkonsidrat;

L-attrici qed issejjes il-kawza minnha ntavolata bhala kawza ghal divizzjoni gudizzjarja ai termini tal-**artikolu 1332 (c) tal-Kap. 16:-**

Dan l-artikolu jipprovdi illi:-

Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat –

1 Sottolinear ta' din il-Qorti.

(ċ) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 3;”

Skond **Artikolu numru 4 tal-Iskeda annessa mal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20** – ***Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali) u Qorti tal-Magistati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja)*,** hemm ipprovdut illi lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili li ghandhom x’jaqsmu ma': Titoli I, II u IV ta’ l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili; l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta’ Degrieti u Manteniment; l-att dwar l-esekuzzjoni reciproka ta’ ordnijiet ta’ Manteniment; l-att dwar iz-Zwieg u l-att dwar is-sekwestru u l-kustodja ta’ minuri.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta mir-rikors promotur illi l-azzjoni hija bbazata fuq l-Artiklu 1332(c) tal-Kap 16. Artikolu 1332 intitolat “Qsim Gudizzjarju ta’ Beni” jaqa f’Titolu V tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 16. Isegwi ghalhekk illi meta twaqqfet is-Sezzjoni tal-Familja fil-Qorti Civili, il-kawzi imsejsa fuq l-artikolu 1332 tal-Kap 16 gew eskluzi mill-kompetenza taghha.

Fis-sottomissjonijiet taghha, l-attrici tghid illi t-talbiet kif promossi minnha huma fis-sustanza rimedji ghad-drittijiet taghha spettanti lilha taht l-Ewwel Ktieb tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Artiklu 2 u l-Artiklu 55, u ghalhekk din il-Qorti ghandha kompetenza *rationae materiae* li tiddeciedi fuq it-talbiet. Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet in rigward.

Fl-ewwel lok tirrileva illi mir-rikors promotur, ma jirrizultax illi tassew l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq l-Artiklu 2 u l-Artiklu 55 tal-Kap 16. Il-Qorti hija marbuta mat-talbiet attrici kif dedotti u xejn aktar, ghax huwa maghruf illi l-Qorti ma tistax tmur ultra jew extra petita u lanqas ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ma’ dik ta’ min jippromwovi l-azzjoni. Huwa car minn harsa lejn ir-rikors promotur, b'mod partikolari mill-hdax-il premessa illi l-azzjoni hija bbazata fuq l-Artiklu 1332(c) tal-Kap 16, li allura ma jaqax fl-ambitu tal-kompetenza ta' din il-Qorti.

Inoltre jinghad ukoll illi l-Artiklu 55 tal-Kap 16 jipprevedi ordni gudizzjarja ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite f'kawza ta' firda. Dan ma huwiex il-kaz illum fejn l-unici zewg talbiet imressqa mill-attrici huma dawk ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi l-azzjoni attrici msejsa fuq l-Artikolu 1332 (c) tal-Kap 16 kellha tigi ntavolata quddiem il-Qorti Civili (sezzjoni ta’ gurisdizzjoni generali) msejha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u mhux quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma hiex kompetenti *rationae materia* sabiex titratta l-kawza odjerna in kwantu msejsa fuq l-artikolu 1332 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta; u bis-sahha tal-Artikolu 741 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-atti ta' dawn il-proceduri jigu trasferiti tramite r-Registratur tal-Qorti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**